**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 4 ta' Mejju, 2016

Rikors Nru : 25/16 AL

**AB**

**-vs-**

**L-avukat Dr Victor Bugeja u l-prokatur legali Gerald Bonello bhala kuraturi nominati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti li permezz tieghu ippremetta :

1. Illi l-kontendenti zzewgu fl-1 ta' Jannar, 2011, f'Karthoum, is-Sudan, mil-liema zwieg ma twieldux tfal;
2. Illi l-kontendenti ilhom aktar minn erba' snin isseparati de facto u ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti stante l-intimata, Sheshay Birhane Tesfay ma tirrisjedix f'Malta u r-rikorrenti ma jafx fejn qed tghix;

3. Illi ghalhekk ai termini tal-Att XIV tal-2011, l-esponenti jixtieq jitlob id-divorzju u/jew hall taz-zwieg minn martu l-intimata;

Talab sabiex li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex prevja kull dikjarazzjoni li hija mehtiega skont il-Ligi tiddikjara d-divorzju u/jew il-hall taz-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti fl-1 ta' Jannar 2011;

Bl-ispejjez kontra l-intimata;

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati, li permezz taghhom iddikjaraw illi l-eccipjenti ma humiex edotti mill-fatti konnessi tal-kawza u ghalhekk ghal kull buon fini qed jirriservaw illi jwiegbu ulterjorment jekk jkun il-kaz;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-12 ta' Frar, 2016;

Semghet lir-rikorrenti prezenti fl-awla jiddikjara illi ma ghandu l-ebda hjiel fejn tinsab l-intimata assenti u ma ghandu l-ebda mezz ta' komunikazzjoni maghha u fic-cirkostanzi semghet lill-kuratur deputat Dr Victor Bugeja jiddikjara illi kien qieghed jirrimetti ruhu ghat-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-intimata hija assenti minn Malta u illi l-partijiet ilhom de facto separati ghal aktar minn erba' snin;

Illi r-rikorrentiipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.